# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 398/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Simon Zammit**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Simon Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 140367M talli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli f'Mejju 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja

kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija GO p.l.c. ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzat ukoll talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 28A *et sequitur* billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 09.06.2004;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Ottubru, 2014, li biha sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' hmistax-il xahar (15) prigunerija u rrendiet effettiva s-sentenza ta' prigunerija ta' sentejn (2) li kienet sospiza ghal-erba snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-9 ta' Gunju 2004 u ghalhekk ghal total ta' terminu ta' prigunerija ta' 39 xahar;

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Simon Zammit, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza appellata, billi filwaqt li tkun konfermata s-sejbien ta’ htija tal-appellant, tkun riformata kwantu ghal piena imposta billi tkun imposta piena aktar miti u gusta ghall-kaz odjern skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Simon Zammit;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti u bazat fuq diversi ragunijiet. *Prima facie* il-fatti ta’ dan il-kaz huma pjuttost semplici izda fil-verita’ jipotizzaw konsegwenzi li r-rizoluzzjoni taghhom hija ferm difficcli f’dan l-istadju. Dan ghaliex, hawn si tratta ta’ persuna li tressqet il-Qorti fis-sena 2008 sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet indikati *supra.* Sentejn u erba xhur wara, u wara li kienu instemghu hafna mill-provi tal-prosekuzzjoni, igifieri fl-udjenza tal-1 ta’ Dicembru 2010, l-appellant ammetta l-imputazzjonjiet wara li kien issalda d-debitu tieghu mal-parti leza, s-socjeta’ Go plc, u f’dik l-udjenza kien registrat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza kienu qed jaqblu illi s-sentenza sospiza mill-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta’ Gunju 2004 tkun estiza. Ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza;
2. Dik is-sentenza, izda, la inghatat fis-seduta prossima u anqas ta’ warajha izda inghatat **erba snin** wara fl-udjenza tat-3 ta’ Ottubru 2014. F’dik is-sentenza, l-ewwel Qorti ghazlet, kif kellha dritt taghmel, illi tiskarta s-suggeriment kongunt tad-difiza u tal-prosekuzzjoni ghal-piena

li ma timponix karcerazzjoni u minflok kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ta' disa u tletin xahar (hmistax-il xahar ghar-reat minnu ammess u erba u ghoxrin xahar iehor bid-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza);

3. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jillanja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti meta injorat il-patteggjament milhuq bejnu u l-prosekuzzjoni u minflok ma ddikjarat li ma kienitx qieghda taqbel ma' dak il-ftehim, fejn allura kienu jsiru sottomissjonijiet opportuni, ghaddiet biex tikkundannah ghal-piena karcerarja effettiva. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti kellha erba snin sabiex turi li ma kienitx qed taqbel mal-"patteggjament" u kien mistenni li jinghata l-opportunita' li jirregola ruhu qabel tinghata s-sentenza;

4. Din il-Qorti gia kellha l-opportunita' titratta dwar fatti konsimili fejn il-patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati *stricto jure* kien ghadu mhux formalment regolat mill-legislatur izda kien informalment accettat bhala prattika fil-Qrati tal-Magistrati u cirkoskritt, anke jekk gurisprudenzjalment, ghal adezzjoni ta' riga procedurali;

5. Patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati jista' jsir <u>biss</u> bil-procedura indikata fl-artikolu 392(A)(5) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

> **"Fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jilhqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita' miftiehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinstab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom".**

Dan l-artikolu tal-ligi kien introdott fil-Kodici Kriminali bis-sahha tal-**Att IV tal-2014** tat-13 ta' Marzu 2014 u jidher li dahal fis-sehh immedjatament. Il-"patteggjament" quddiem l-ewwel Qorti sar fl-1 ta' Dicembru, 2010 filwaqt

illi s-sentenza appellata kienet prolatata fit-3 ta' Ottubru 2014 u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt tqis dak l-arrangament bhala patteggjament. Dan l-artikolu jahseb ghal-tali formalita' li biha l-Qorti tkun marbuta li teroga l-piena maqbula u b'hekk ikunu evitati s-sorprizi fil-piena li fil-passat taw lok ghall-appelli in rigward meta inghata piena aktar minn dak "maqbul";

6. Qabel din l-emenda, l-Qrati taghna , izda, kienu jirrikonoxxu dak hekk imsejjah patteggjament informali (ara per ezemplari is-sentenza Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohammed – App Krim 13.2.2012 fost ohrajn). Il-hsieb ewlieni tal-Qrati taghna meta rrikonoxxew il-patteggjament informali, kien li l-Qorti ma tkunx marbuta mal-ftehim bejn il-partijiet basta li tkun iddikjarat l-inadezjoni taghha ma' dak maqbul jew suggerit bejn il-partijiet. U dan sabiex ikunu evitati sorprizi fis-sentenza, bhal fil-kaz odjern, fejn l-imputat kien allura jkun f'posizzjoni jirregola ruhu qabel ma l-kawza tithalla ghas-sentenza;

7. Fi kliem iehor, fil-kaz hawn skrutinat, l-ewwel Qorti kellha kull dritt tapplika s-sanzjoni li jidhrilha xieraq ghal-kwistjoni devoluta quddiemha. Izda la darba kien hemm qbil bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni dwar il-piena li kellha tkun erogata, l-ewwel Qorti kien messha tikkomunika il-hsieb taghha li ma kienitx konkordi ma dak il-ftehim, taghti l-opportunita' lill-partijiet jirregolaw ruhhom u tghaddi imbaghad ghas-sentenza;

8. Issa, irid jinghad in rigward illi ma huwiex normali illi din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti kwantu l-piena minnha erogata, hlief jekk din kominata barra mill-parametri tal-ligi, dan l-aggravju ser ikun akkolt ghar-ragunijiet segwenti. Irid jinghad ukoll illi meta imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu irid ikun lest ghall-kwalsiasi piena li l-Qorti tista tikkomina. Madanakollu irid jittiehed kont tal-fatt illi l-Ewwel Qorti zbaljat meta ma ddikjaratx li kienet konkordi mal-partijiet; meta ma tatx l-opportunita' lill-

appellant, allura imputat, biex jirregola ruhu u meta bit-trapass taz-zmien mhux gustifikat bejn l-ammissjoni u ghoti tas-sentenza inholqot sitwazzjoni ferm u ferm pregudizzjali ghall-appellant;

9. Fit-tieni aggravju tieghu imbaghad l-appellant iressaq ragunijiet, anke jekk kemxejn fit-tul esagerat, ghaliex din il-Qorti ghandha tirriforma s-sentenza appellata kwantu il-piena. In rigward jitkellem dwar iz-zmien li fih irregistra l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti, in-natura tar-reati, il-fedina penali tieghu u l-possibilita' li jirriabilita' ruhu u rabat dan kollu ma' talba sabiex isir *pre sentencing report*, liema talba kienet akkolta minn din il-Qorti li allura huwa l-punt ta diskussjoni li ghandu jsegwi;

10. Din il-Qorti semghet lill-Ufficcjal tal-Probation Maria Mifsud tixhed dwar ir-rapport dettaljat taghha rigward l-appellant fejn tispikka l-htiega ta' kura li ghandu bzonn naxxenti mill-fatt illi, kif tista' tifhem din il-Qorti, huwa ghadu jabbraccja tendenzi ta' qerq. Dan jemergi mill-mod selettiv ta' kif jghogbu jaghti informazzjoni dwaru, bhal per ezempju n-numru ta' drabi li kien misjub hati u inkarcerat dwar reati ta' frodi meta l-fedina penali tieghu turi mod iehor; dwar it-tendenzi tieghu li jahbi il-verita' meta per ezempju anke s-siehba tieghu kienet konvinta li ser tkun intervistata minnha sabiex jinghata l-*parole* u li ma riedhiex tkun taf r-raguni ghaliex qieghed inkarcerat;

11. L-istess Ufficcjal tal-Probation ttemm r-rapport taghha bil-mod segwenti: *" Ghaldaqstant, fid-dawl ta' din l-informazzjoni migbura qed jigi [recte: ikun] rakkomandat lill din l-Onorabbli Qorti li l-appellant jinghata piena karcerarja, bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex isir assessjar psikologiku u minn hemm jista' jigi [recte: jkun] formulat pjan ta' kura ghall-ikkoncernat".* Naturalment, tali konkluzzjoni ma' tiprospetta ebda margini ta' possibilita' ghal-piena differenti minn dik karcerarja. Din il-Qorti, izda, tinnota illi l-istess Ufficcjal tal-Probation tkellmet mas-Sur John Camilleri, mill-Ufficcju tal-President ta' Malta li kkonferma illi l-appellant, filwaqt illi kien inkarcerat, kien ghal xi ftit xhur jaghmel xoghol fil-komunita' konsisteni

f'restawr tal-Palazz ta' San Anton ghal liema xoghol kien jingabar mill-habs u jittiehed lura ma' tmiem il-gurnata. Jidher illi dan ix-xoghol twaqqaf ghar-ragunijiet mhux imputabbli lill-appellant u rega' beda wara trapass ta' zmien. Tul iz-zmien li ghamel jahdem huwa halla impatt pozittiv;

12. Din il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' ittra ta' rakkomandazzjoni mahruga mill-Ufficcju tal-President ta' Malta li filwaqt li tikkonferma li l-appellant qieghed jaghmel xoghol fil-Palazz tal-President waqt li huwa inkarcerat, tghid illi tul il-perjodu ta' dan ix-xoghol qatt ma kellhom problemi bl-appellant li dejjem wera imgieba korretta u rispett lejn l-impjegati l-ohra tal-Palazz. In konkluzjoni, din l-ittra ta' rakkomandazzjoni tezalta lill-appellant bhala bniedem biezel u tajjeb fix-xoghol tieghu. F'ittra ohra mibghuta direttament mill-President ta' Malta lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, il-Kap tal-Istat tirrakkomanda lill-appellant ghall-imgieba u hidma tieghu bla waqfien. Inoltre, l-ittra tikkonferma lid-Direttur tal-Facilita' illi tqis lill-appellant riabilitat sal-grad illi malli jinghata l-*parole*, ic-Chairman Ezekuttiv tal-Malta Community Chest Fund Foundation ser joffrilu xi xogholijiet, u dan ghaliex matul iz-zmien li ilu jahdem f'San Anton, wera fil-prattika li huwa persuna ta' impenn u biezel;

13. Ghalhekk din il-Qorti issa trid tiddeciedi dwar il-piena idonea fl-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi kollha kompriz il-passat kriminuz tal-appellant, ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation u l-opportunita' li fegget sabiex l-appellant ikun jista' jerga jintegra fis-socjeta' bhala cittadin denju tal-fiducja taghha. Din il-Qorti frankament tistqarr illi t-triq mhix wahda facli u li hadd ma jfiq mill-lejl ghan-nhar meta jkun mikrum mill-vizzju tal-qerq. L-appellant prezentament jinsab jiskonta terminu ta' tlett snin prigunerija ghal-reati simili bhal dawk odjerni kommessi lura fis-sena 2002 bil-proceduri konkluzi fis-sena 2012 u konfermati minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Marzu 2015. Madankollu, kollox jindika illi l-appellant ghandu jinghata l-opportunita' li jirriabilita ruhu wara li ngiebet prova tangibbli illi

ha l-ewwel pass u li gia halla rizultat pozittiv. Issa jekk dan ma huwiex minnu fis-sens illi qieghed jissimula tali progress, allura l-appellant ikun qed jidhaq bih iniffsu, izda jekk inhu genwin din il-Qorti lesta' li tkun ta' ghajnuna billi taghtih l-opportunita' allura hekk misthoqqa;

14. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba tal-appellant ghar-riforma tas-sentenza appellata b'dan illi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal terminu ta' prigunerija ta' hmistax-il xahar u f'dik il-parti fejn irrendiet effettiv it-terminu ta' prigunerija ta' sentejn precedentement sospizi bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Gunju 2004, u minflok tqieghed lill-appellant fuq ordni ta' probation ghal-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, u fit-termini tal-artikolu 28C(3) tal-Kodici Kriminali testendi l-perjodu li fih il-kundanna ta' sentejn prigunerija sospiz ghall-erba(4) snin impost bis-sentenza **Il-Pulizija vs Simon Zammit** tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Gunju 2004 b'terminu iehor ta' erba (4) snin mil-lum;

15. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car lill-appellant, l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.